GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ___________________**

------------------------------------------------------------✂------------------------------------------------------------

**Il-kandidat m'għandux jikteb ismu fuq l-ebda paġna tal-karta tal-eżami.**

**Il-kandidat għandu jikteb l-*Index Number* darba BISS fl-ispazju pprovdut hawn fuq.**

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Uffiċjal Korrettiv mal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi

## APRIL 2026

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **L-10 ta' April 2026**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet: Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**
**Taħriġ 1: Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha kif mitlub.** **(20 marka)**

**Il-Ħobża Maltija**

F'Diċembru tal-2020 ħarġet l-aħbar li l-ftira Maltija ġiet mogħtija rikonoxximent mill-UNESCO bħala, 'Wirt Kulturali Intanġibbli Dinji tal-Umanità'. B'dan nifhmu li din l-ikla Maltija issa għandha ġieħ xieraq u hi apprezzata mad-dinja kollha; l-istess bħat-Taljani li fl-2017, ingħataw unur simili għall-Pizza Napoletana. B'dan l-unur issa l-Maltin mhux biss għandhom ikunu kburin, iżda qed iġorru r-responsabbiltà biex dan il-wirt Malti jinżamm fil-kwalità tradizzjonali tiegħu u ma jinbidilx jew jinqered.

Meta qrajt din l-aħbar ħadt gost immens. Biss, ħsibt bejni u bejn ruħi, għaliex kellha tkun il-ftira Maltija li tieħu dan l-unur, u mhux il-ħobża Maltija – dik li meta tkun imsajra kif suppost ikollha l-qoxra ta' barra sabiħa, imbaskta u tqarmeċ. Wara kollox il-Maltin imdorrijin jieklu aktar din il-ħobża tradizzjonali milli l-ftira. Il-ħobża Maltija rriduha fuq il-mejda tista' tgħid kuljum ma' kull ikla. Kultant nagħtu tort lill-ħobża Maltija għax qed niħxienu żżejjed, iżda ftit nagħtu każ tal-ingredjenti li nitfgħu fiha.

Intant, nissuspetta li l-ħobża Maltija bil-mod il-mod qiegħda x'aktarx tingħata kemxejn il-ġenb. Il-bejjiegħa tal-ħobż m'għadhomx spissi daqs qabel iduru mat-toroq bil-vann ibigħu l-ħobż triq triq. Minflok, illum ħafna qed jixtru l-ħobż mis-supermarkets, fejn il-ħobża Maltija jkollha tikkompeti għall-attenzjoni ma' ħobż ieħor ta' kwalitajiet differenti, kultant fuq l-istess xkaffa.

Huwa veru li kienet il-ftira Maltija li ħadet l-unuri, imma huwa veru wkoll li hija l-ħobża Maltija li kompliet għaġnet il-kultura Maltija.

(*Addattata minn https://kliemustorja.com, 2021*)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba minn dawn:

   i) B'dan l-unur mogħti mill-UNESCO, il-ftira Maltija (marka)
      a) ġiet apprezzata iktar.
      b) se tittiekel iktar.
      ċ) saret taf biha d-dinja kollha.

   ii) Unur bħal dan ingħata wkoll lit-Taljani (marka)
      a) għall-ħobż tagħhom.
      b) għall-pizza.
      ċ) għall-kultura tagħhom.

2. X’responsabbiltà jġorr miegħu dan l-unur għall-Maltin? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

3. Skont in-narratur, x'inhi l-kawża li qed neħxienu ħafna? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

4. Għaliex taħseb li l-awtur iħoss ċertu diżappunt li kienet il-ftira u mhux il-ħobża Maltija il-ġiet rikonoxxuta mill-UNESCO? (3 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Kif juri l-awtur il-kuntrast bejn it-tradizzjoni u l-ħajja moderna fil-mod kif in-nies jixtru l-ħobż llum? (3 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

6. Imla bil-kelma/frażi t-tajba.

i) Mis-silta sib frażi li tfisser ‘titwarrab’. ______________________ (2 marki)

ii) Kelma jew frażi oħra għal ‘imbaskta’ hi ______________________. (2 marki)

7. X' taħseb li l-awtur irid ifisser meta jgħid li l-ħobża Maltija “kompliet għaġnet il-kultura Maltija”? (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Taħriġ 2: Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha fuqha. (30 marka)**

## L-Istorja ta' Alcatraz



F'nofs il-Bajja ta' San Francisco, imdawra b'ilma kiesaħ u kurrenti qawwija, tinsab gżira żgħira u blatija jisimha Alcatraz. Illum din hija attrazzjoni turistika magħrufa, iżda l-passat tagħha hu mimli stejjer ta' dixxiplina stretta, kriminalità u kuraġġ.

L-isem "Alcatraz" ġej mill-Ispanjol *La Isla de los Alcatraces*, li jfisser "Il-Gżira tal-Pelikani", għax darba kienet mimlija għasafar tal-baħar. Meta l-Amerikani bdew jiżviluppaw il-Belt ta' San Francisco fis-seklu 19, indunaw li l-gżira kellha pożizzjoni strateġika importanti. Għalhekk, fl-1853, bdew jibnu fortizza fuqha biex jipproteġu l-bajja minn attakki possibbli. Fuq il-gżira tqiegħdu kanuni u suldati dejjem lesti jiddefendu l-belt.

Fl-1868, Alcatraz bdiet tintuża bħala ħabs militari. Suldati li kisru r-regoli jew li abbandunaw il-post tax-xogħol tagħhom kienu jintbagħtu hemmhekk. Minħabba li kienet maqtugħa mill-art prinċipali u mdawra bl-ilma kiesaħ, kienet post ideali biex jinżammu l-priġunieri.

Fl-1934, il-Gvern Amerikan iddeċieda li jibdilha f'ħabs federali ta' sigurtà massima. Dan kien żmien meta l-kriminalità organizzata kienet qed tiżdied fl-Istati Uniti. Fuq Alcatraz intbagħtu wħud mill-aktar kriminali perikolużi tal-pajjiż, fosthom il-gangster famuż Al Capone. Il-ħajja fil-ħabs kienet iebsa u ddixxiplinata. Il-priġunieri kienu jgħixu f'ċelel żgħar ħafna, b'sodda, sink u tojlit biss. Kien hemm regoli stretti dwar silenzju, xogħol u mġiba. Kull min kien jikser ir-regoli kien jiffaċċja kastigi severi, inkluż iżolament f'ċella mudlama.

Għalkemm Alcatraz kienet meqjusa bħala ħabs li minnu ma jista' jaħrab ħadd, kien hemm diversi tentattivi ta' ħarba. L-aktar każ misterjuż seħħ fl-1962 meta tliet priġunieri ppruvaw jaħarbu billi għamlu toqob żgħar fil-ħitan taċ-ċelel tagħhom u ħolqu pupazzi taħt il-friex biex iqarrqu bil-gwardjani. Huma sparixxew fil-lejl u qatt ma nstabu. Xi nies jaħsbu li għerqu minħabba l-ilma kiesaħ u l-kurrenti qawwija; oħrajn jemmnu li rnexxielhom jaħarbu.

Fl-1963, il-ħabs ingħalaq uffiċjalment. Ir-raġuni prinċipali kienet li qed jiswa ħafna flejjes biex jinżamm, speċjalment għax kull provvista kellha tinġarr bil-baħar. Ftit snin wara, fl-1969, grupp ta' Nattivi Amerikani okkupaw il-gżira għal kważi sentejn biex jiġbdu l-attenzjoni lejn id-drittijiet tagħhom u l-kundizzjonijiet tal-komunitajiet tagħhom.

Illum, il-ħabs ta' Alcatraz huwa sit storiku u parti mis-servizz tal-parks nazzjonali tal-Istati Uniti. Eluf ta' nies iżuruh kull sena biex jaraw iċ-ċelel, jitgħallmu dwar il-ħajja tal-priġunieri u jisimgħu

stejjer dwar il-ħarba misterjuża. Minn fortizza militari għal ħabs ta' sigurtà massima u finalment għal mużew storiku, Alcatraz jibqa' simbolu qawwi ta' dixxiplina, misteru u bidla matul iż-żmien.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha.**

1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.

   a. X'kien l-użu ewlieni ta' Alcatraz fl-1853?
   i) Fortizza militari.
   ii) Lukanda moderna.
   iii) Skola għall-priġunieri.
   iv) Fabbrika tal-ħwejjeġ. (2 marki)

   b. F'liema sena, Alcatraz sar ħabs federali ta' sigurtà massima?
   i) 1868
   ii) 1900
   iii) 1934
   iv) 1963 (2 marki)

   ċ. Liema priġunier famuż inżamm fuq il-gżira?
   i) Abraham Lincoln
   ii) Al Capone
   iii) Martin Luther King Jr.
   iv) George Washington (2 marki)

   d. Għaliex kien diffiċli li wieħed jaħrab minn Alcatraz?
   i) Kien hemm ħitan għoljin.
   ii) Kien hemm ħafna siġar folti.
   iii) Kien hemm foss bil-klieb il-baħar mad-dawra.
   iv) Kienet gżira mdawra b'ilma kiesaħ u kurrenti qawwija. (2 marki)

   e. Għaliex ingħalaq il-ħabs ta' Alcatraz fl-1963?
   i) Ġie meqrud minn terremot.
   ii) Ma kellhomx biżżejjed gwardjani.
   iii) Minħabba l-ispejjeż għoljin biex jibqa' jopera.
   iv) Minħabba gwerra man-nattivi Amerikani. (2 marki)

2. Il-ħajja fil-ħabs ta' Alcatraz kienet iebsa u ddixxiplinata. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet li kienu jagħmluha hekk. (2 marki)

   ________________________________________

   ________________________________________

3. Iddeskrivi kif kienet iċ-ċella tipika ta' priġunier f'Alcatraz. (4 marki)

   ________________________________________

4. X'ġara fl-1969 fuq il-gżira? (4 marki)

5. Spjega kif saret il-ħarba tat-tliet priġunieri minn Alcatraz u għaliex għadha meqjusa misterjuża sal-lum. (4 marki)

6. Għaliex huwa mfittex illum Alcatraz mit-turisti? Agħti **TLIET** raġunijiet. (6 marki)

**Taqsima B: Il-Kitba**

**Taħriġ 1: Il-Kitba ta' Rapport** **(10 marki)**

Ikteb rapport ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq **WIEĦED** minn dawn it-titli.

a) Fid-dawl ta' inċident li seħħ dan l-aħħar, id-Direttur tiegħek talbek tikteb rapport dwar kif tista' tissaħħaħ is-sigurtà tal-Uffiċjal Korrettiv tal-faċilità korrettiva waqt il-qadi ta' dmirijietu. Ikteb dan ir-rapport.

*JEW*

b) Waqt li kont fil-bitħa ewlenija tal-faċilità korrettiva, ġew osservati xi movimenti mhux tas-soltu minn grupp ta' persuni f'detenzjoni. Ikteb rapport dwar dan.

**Taħriġ 2: Il-Kitba tal-Email** **(40 marka)**

Ikteb email ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq WIEĦED minn dawn it-titli:

a) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tiegħek sabiex ikun j/tista' j/tapprovalek esperjenza ta' taħriġ barra minn Malta b'rabta max-xogħol tiegħek fil-faċilità korrettiva.

*JEW*

b) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija biex tissuġġerixxi attività li tista' ssir mill-persuni miżmuma fil-faċilità b'risq organizzazzjoni volontarja li tindokra tfal morda bil-kanċer.

*Imla l-vojt fit-tabella tal-bidu tal-email u ikteb fil-linja mogħtija.*

Titlu: **a** *jew* **b**

| | |
|---|---|
| Mingħand: | camilleri@smail.sm |
| Lil: | ceo.serv.korr@kmail.sm |
| **Data:** | |
| **Suġġett:** | |

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI

**PAĠNA VOJTA**

**PAĠNA VOJTA**